**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 59

It-Tnejn 17 ta' Settembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fin-12:30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

| 59.1 | Il-Monti ta’ Nhar ta’ Ħadd |
|---|---|
| 59.1.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti bid-diskussjonijiet li għadhom għaddejjijn mal-MEIB u l-MOT rigward il-Monti ta’ nhar ta’ Ħadd fejn spjega li jrid ikun hemm *Legal Notice* ġdid li temenda l-ligi, fosthom il-ħinijiet tal-monti ta’ nahr ta’ Ħadd, li bħalissa huma mis-6:30am sas-6:00pm. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgħa b’urġenza ġiet mgħajta għaliex rċieva *emails* mingħand il-konsulent tal-MEIB li jopponu l-ħinijiet tal-Monti ta’ nhar ta’ ħadd li issuġġerixxa l-Kunsill Lokali, u li l-Monti jkun żarma sat-3:00pm.<br><br>Wara diskussjoni libera ittieħed vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti fejn kien hemm qbil assolut li għandu jsir *Referendum* sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom rigward il-ħinijiet tal-Monti ta’ nhar ta’ Ħadd. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li wara li jsir ir-*Referendum* għandha tinżamm laqgħa mal-Ministeri konċernati sabiex iwassal ir-riżultat tal-votazzjoni mir-residenti. |
| 59.1.3 | Il-laqgħa intemmet fis-6:00p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 11 t’Ottubru 2018.

IFFIRMATA

___________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

___________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv